MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 491/2011

**Carmel sive Charles Azzopardi (detentur tal-karta Ta' l-identita' bin-numru 922648 (M); Carol Azzopardi (detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 590438(M); Josepjh Azzopardi (detentur tal-karta ta' l-identia bin-numru 640541(M)) u Marianne Abela (detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 570750 (M)) kemm f'isimha proprio kif ukoll bhala mandatorja specjali f'isem l-assenti Edgar Azzopardi (detentur tal-passaport bin-numru B4885) u Rose Doherty passaport ingliz bin-numru 108224271, ilkoll ahwa Azzopardi**

**VS**

**Zoqdi Developers Limited (C10213)**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors tal-atturi tal-16 ta'Mejju 2011, li jaqra hekk:

1. *"Illi permezz ta' ittra ufficjaliipprezentata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta'Dicembru, 2010 bin-numru 5164/2010 mill-kumpanija konvenuta*

*Zoqdi Developers Limiter kontra l-esponenti u notifikata lill-istess esponenti, kopja legali ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala* *<u>"Dokument CA1"</u>* *, il-kumpanija konvenuta ivvantat varji pretensjonijiet kontra l-esponenti fosthom illi hija utilista temporanja ta' porzjon diviza ta'terren fil-limiti ta'Had Dingli maghruf bhala l-Irdum tal-Maddalena u liema porzjon giet indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-imsemmija ittra ufficjali; illi l-esponenti ghandhom jizgumbraw minn propjeta tal-kumpanija konvenuta; illi l-esponenti ghandhom inehhu hajt illi l-kumpanija konvenuta qieghda tghid illi l-esponenti tellghu fi propjeta taghha b'rizultat illi iccekken passagg komuni u illi si piu' l-kumpannija konvenuta sofriet Danni minhabba l-agir ta' l-esponenti;*

2. *Illi l-esponenti ghandhom titolu u ilhom ghexieren ta'snin fil-pussess tal-propjeta illi l-kumpanija konvenuta qieghda tallega kemm illi hija utilista temporanja taghha kif ukoll illi hija propjeta taghha u qatt ma gew molestati f'tali pussess u ghalhekk il-pretensjoni vantata mll-istess kumpannija konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt, kif l-esponenti gja avzaw lill-kumpannija konvenuta permezz ta' ittra ufficjali responsiva ipprezentata minnhom fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta'Dicembru, 2010, bin-numru 5317/2010, kopja legali ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument CA2</u>";*

3. *Illi sallum il-gurnata l-kumpanijja konvenuta naqset milli tiddeduci l-pretensjonijiet vantati minnha u l-esponenti ghandhom kull interess illi jilliberaw rwiehhom mill-pretensjonijiet kollha vantati mill-kumpannija konvenuta u dan kemm dawk illi jirrigwardaw t-titolu allegat mill-istess kumpanijja konvenuta kif ukoll id-dani allegatament sofferti minnha;*

4. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

5. *Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghatatw il-provvediment opportuni, tghid il-kumpannija konvenuta ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbbli Qorti jghogobha:*

1. *Tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' mhux aktar minn tlett (3) xhur lill-kumpanija konvenuta sabiex tiddeduci fil-gudizzju b'kawza l-pretensjonijet kollha vantati minnha fl-ittra ufficjaliipprezentata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta'Dicembru, 2010 bin-numru 5164/2010 mill-kumpannija konvenuta Zoqdi Developers Limited kontra l-esponenti u dana ai termini ta' l-Artikoli 403 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta; u*

2. *Fil-kaz illi l-kumpannija konvenuta tonqos milli tiddeduci dawn l-istess pretensjonijiet entru t-terminu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, timponi fuq l-istess kumpannija konvenuta s-silenzju perpetwu billi tigi impedita milli qatt izjed tipprocedi b'dawn il-pretensjonijiet vantati minnha kontra l-esponenti;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali bin-numru 5317/2010 ipprezentata mill-esponenti kontra il-kumpannija konvenuta nhar it-28 ta' Dicembru, 2010 u bl-inguzjoni tad-diretturi, azzjonisti u rapprezentatni tal-kumpannija konvenuta in subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' ta' Zoqdi Developers Limited tat-28 ta' Gunju, (a fol. 16 ) li taqra hekk:

*"Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes u dan stante illi l-ittra ufficjali tal-20 ta Dicembru 2011 giet provokata u ghalhekk saret b'rejazzjoni ghal-agir abusiv illegali tar-rikorrenti li ghamlu xoghol ta zvilupp fuq propjeta tal-esponenti fl-irdum tal-Maddalena, Dingli.*

*Jigi rilevat illi l-propjeta tinsab f'irdum (Dingli Cliffs) u hemm passagg li jaghati ghar-raba li hemm taht l-Rdum u r-rikorrenti ghamlu xogholijiet li, apparti li saru fil-propjeta tal-esponenti, cekknu l-wisgha tal-passagg u rrendewh perikuluz hafna ghal kull min ghandu diritt jghaddi minnu permezz ta vettura."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Zoqdi Developers Limited tat-8 ta'Jannar 2015 (a fol. 417 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tas-19 ta' Jannar 2015 (a fol. 424 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-kawza odjerna hija kawza ta' jattanza.

L-attur Carmelo Azzopardi xhed (vide fol 25 et seq) illi hu u hutu l-atturi, kienu wirtu art u raba maghrufa "Tal-Maxtura" u "Tal-Maddalena" f'Dingli Cliffs ta' kejl ta' cirka 20½ -il tomna liema art tikkontieni raba, razzett u gherien.

Carmel u huh Joseph Azzopardi ilhom jahdmu din ir-raba minn 1950.

L-access ghal dan ir-raba hu minn trejqa li minn fuq Dingli Cliffs taghti ghar-raba' t'isfel u wiehed jista' jghaddi minn din il-moghdija bil-karozza.

Fuq in-naha tax-xellug hemm xi gherien li jintuzaw mill-atturi. Regward it-titolu u provenjenza tal-art taghhom, l-atturi indikaw :

1. Il-kuntratt ta' divizjoni Dok. CA3 a fol. 31 datat 24 t'Ottubru 1920 fl-atti tan-Nutar Giovanni Mmifsud – Gherien markati E u F;
2. Dok. CA4 kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Alberto Dandria datat 2 ta' Dicembru 1939 – porzjon (viii);
3. Kuntratt Dok. CA6 a fol. 194 fl-atti tan-Nutar Joseph Abela datat 21 ta' Frar 1971 li bih missier l-attur xtara sehem ta' huh Pawlu

4. Kuntratt ta’ bejgh u xiri fl-atti tan-Nutar Nicolo Said datat 10 ta’ Novembru 1977 Dok. CA7 a fol. 205 l-attur Carmelo u Joseph Azzopardi xtraw sehem Margerita u Giuseppe Zahra (porzjoni (iv) u l-gherien)

L-attur kkonfermaw il-pussess tar-raba’ u l-gherien ghal zmien twil minghajr molestija fil-pussess, liema pussess kien jmur lura ghal 1947.

Fil-1995 wicc tat-trejqa nghata l-konkos, konkos fornit mill-Ministeru tal-Agrikoltura u tqatta xi blat. Il-konkos ifforma tixmira mal-blat tal-ghar – vide ritratt Dok. CA8 a fol. 219.

L-gherien kienu jintuzaw biex jigu stivati basal, hxejjex u frott.

It-trejqa kienet tintuza minn kull min kellu r-raba u l-atturi qatt ma gew molestati fil-pussess.

Fil-1993 Mario Mifsud biegh r-raba tieghu lil Zoqdi Developers Limited u lil B.D Limited.

Fil-2007 Andrew Agius (Zoqdi Developers Limited) waqqa hajt tas-sejjiegh u qaccat xi sigar tac-*cherry plum*. L-atturi fethu kawza ta’ spoll (666/2007 SM) u Mandat t’Inibizzjoni. Agius kien rega’ invada l-proprjeta’ u ghamel rampa u xi posti biex jimmarka l-art li dehrlu li kienet tieghu u regghu infethu proceduri ulterjuri u proceduri ta’ raggion fattasi– Dok. CA9 kienu proceduri li jinsabu quddiem il-Qorti tal-Appell. Zoqdi Developers pprocediet b’kawza acto finium regundorum (691/2008 JA) Fit-23 ta’ Dicembru 2010 l-attur rcievew ittra ufficcjali illi dwarha saret din il-kawza- Vide Dok CA1 a fol. 6 l-atturi jsostnu illi b’din l-ittra gew molestati fil-pussess. L-atturi jichdu li cekknu l-passagg ghaliex il-hitan li kien hemm kienu ilhom mibnija ghal snin twal. Illi l-atturi sostnew li gew kostretti jifthu dawn il-proceduri ‘ l ghaliex ma felhux ghall-aktar inkwiet. L-atturi jinnegaw li huma b’xi modd pprovokaw lis-socjeta’ intimata b’agir abbusiv jew illegali.

Fl-affidavit taghha a fol. 244 et seq, Mary Azzopardi mart l-attur Carmel, xhedet illi hija kienet ilha taf lil zewgha minn l-1976 u kienet taf li l-art in kwistjoni “Tal-Maxtura” Had-Dingli, kienet art tal-familja ta’ zewgha. Xhedet illi qatt ma kellhom inkwiet mal-bdiewa li kienu jahdmu r-raba u l-inkwiet beda Zoqdi Developers xtraw l-art ta’ Mifsud.

Hija xhedet illi saru diversi kawzi l-Qorti u diversi allegazzjonijiet fosthom li l-art fejn hemm l-gherien taghhom kienet tas-socjeta' intimata b'titolu ta' cens. Hija xhedet li qatt ma rat rapprezetant ta' Zoqdi f'dawk l-inhawi.

Joseph Azzopardi fl-affidavit tieghu a fol. 254 kkonferma l-affidavit ta' huh Carmelo.

Jason Busuttil a fol. 257, xhed illi kien habib tal-attur Charles Azzopardi u jmur jonsob fuq l-art tieghu f'Had Dingli.

Biex tinzel ghall-art inkwistjoni trid taqbad trejqa. Mistoqsi dwar xogholijiet li saru fit-trejqa, Busuttil xhed illi t-trejqa kienet inghatat il-konkos, u kien hemm parti fejn tqatta l-blat ***"imma l-bqija baqghet l-istess"*** – a fol. 265.

Kkonferma li hu jinzel bil-vettura tieghu.

In kontro-ezami Busuttil kkonferma li l-pendil ta' din t-trejqa kien qawwi u ma kienx hemmx ilqugh -***"Jekk ma toqghodx attent taqa ghall-isfel"*** fol. 205.

Mistoqsi dwar il-hajt li gie kostruwiet fejn l-ghar, Busuttil kkonferma li dan sar minn Carmelo Azzopardi u li fl-antik il-hajt hemm kien, u Azzopardi reggha tellghu f'gholi ta' sular. Il-parti t'isfel tal-pedament l-antika kienet ghadha hemmhekk ta' erba' filati gholi. **Dan il-hajt ttella fejn hemm kisra fil-karregjata. Busuttil xhed illi ma tistghax tilwi l-barra ghax taqa' ghall-isfel.** Ma kien hemm **ebda dawl fit-trejqa** . In ri-ezami Busuttil xhed illi meta rega ttella, l-hajt ma invadiex l-arja tal-passagg.

Perit Anthony Cassar a fol. 282 et seq. ezebixxa r-rapport ex parte tieghu Dok ACX 1 (a fol. 296). Huwa xhed li biex rrediga dan ir-rapport ezamina *survey* datat 12 t'Ottubru 1920, kuntratt tal-20 t'Ottubru 1920 ta' divizjoni u *survey* li sar minn Darmenia Surveys Limited apparti li acceda fuq il-post . Ikkonferma l-ezistenza ta' tlett gherien immarkati fuq il-pjanta (E, F, B)

Perit Cassar xhed li l-hajt lamentat kien hajt mibni b'gebel antik. Perit Cassar xhed illi sab li d-dokumenti , pjanti u l-kuntratti jaqblu ezattament.

Mistoqsi jekk kienx jaf li fil-kuntratt ta’ 1939 ma kien hemm ebda referenza ghall-gherien, **Cassar jirrispondi li ma jafx ezatt** – a fol. 289.

Dr. Claude Sapiano a fol. 312 Assistent Registratur tal-Artijiet ezebiet Dok. CSX1, ESX2 a fol. 332.

Dok. CSX1 hija art proprjeta’ ta’ Zoqdi Developers Limited u kien hemm problema fuq il-kejl – Vide fol. 328.

Perit Anthony Cassar a fol. 342 reprodott ezbixxa addendum ghar-rapport tieghu u cioe’ Dok. ACXY1 u sostna li l-konkluzzjonijiet minnu raggunti kienu saru fuq kuntratti li kienu gew mghotija lilu mill-atturi, u cioe’ l-kuntratt ta’ 1920, u iehor 1939 li mieghu kien hemm anness rapport ta’ Perit Vassallo.

Is-socjeta’ intimata prezentat affidavit t’Andrew Agius a fol. 359, li xhed li fl-20 ta’ Novembru 2011, is-socjeta’ intimata prezentat ittra ufficjali lill-atturi, rigward il-proprjeta’ in ezami. Agius sostna li permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tat-28 ta’ Jannar 1993 is-socjeta’ intimata u BD Limited akkwistaw porzjon art fl-irdum Tal-Maddalena Dingli minghand Mario Mifsud. Permezz ta’ kuntratt iehor quddiem l-istess Nutar datat 9 ta’ Gunju 2004 sar kuntratt ta’ divizjoni bejn Zoqdi Developers u BD Limited. Permezz ta’ kuntratt iehor quddiem l-istess Nutar tal-14 t’Ottubru 2010, is-socjeta’ BD ikkoncediet b’titolu t’enfitewsi temporanja l-porzjon t’art formanti parti minn l-istess territorju ta’ kejl 854 metri kwadri, mmarkata bl-ahdar u ahmar fuq il-pjanta . Agius xhed li l-art bordurata fuq l-istess pjanta forma ta’ triangolu tappartieni lil BD Limited waqt li rimanenti art lil Zoqdi Developers bi dritt ta’ passaggi komuni . Fil-parti ta’ fuq tal-passagg, kien hemm hafna gebel mwaqqa u l-passagg kien irregolari, u l-parti bejn il-passagg u l-irdum fuq in-naha tax-xellug ***“kien kollu blat u gebel mwaqqa, u kien mitluq u mhux okkupat”*** - vide fol 359. F’Jannar 2009 Agius innota zvilupp fis-sens illi beda tiela hajt tal-kantun u sejjieh li b’rizultat tieghu l-wiesgha tal-passagg djieq proprju fejn il-passagg huwa mill-aktar perikoluz, tant li facli li wiehed jaqa’ ghall-isfel, specjalment meta tkun ix-xita u zlieq. Dan ix-xoghol ta’ kostruzzjoni sar minn Carmel Azzopardi.

Lino Farrugia u Joe Perisci Calsione li spiss kienu jiffrekwentaw din iz-zona , kienu ghamlu rapport mal-MEPA u parti minn dan il-hajt gie demolit minn Charles Azzopardi bl-assistenza

ta’ Jason Busuttil , ***“pero l-parti tan-naha t’isfel ghadu hemm sal-llum”*** Ibid 359. Kien proprju ghalhekk li saret l-ittra ufficcjali ghaliex giet provokata sitwazzjoni perikoluza minhabba x-xogholijiet li wettaq Azzopardi li dejjaq il-passagg. Dan ix-xoghol ma sarx fuq art tieghu jew art fil-pussess tieghu. Ezebixxa kopja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-1 ta’ Marzu 2012 u tal-kuntratti tat-28 ta’ Jannar 1993 tad-9 ta’ Gunju 1994 u l-10 t’Ottubru 2010, u ritratti li juru illi Carmel Azzoppardi jtella l-hajt in kwistjoni.

Andrew Agius xhed ukoll quddiem din il-Qorti a fol. 364, illi Zoqdi Developers u BD Limited kellhom id-dritt juzaw dan il-passagg kif kellu kull bidwi li kellhu r-raba akar l-isfel, u dawn jinkludu, Carmel Azzopardi , Pawlu u Lino Farrugia. Agius xhed li dan il-passagg jiehdok minn Dingli Cliffs sal-irdum. Huwa xhed li t-trejqa kienet wieqfa u perikoluza hafna u l-hajt li tella Azzopardi, kompla dejjaq il-passagg u ghamlu aktar perikoluz, specjalment fid-dlam u fix-xita.

Lino Farrugia a fol. 367 xhed illi huwa kellu tmint it–tmien raba’ aktar ‘l isfel u kellu dritt jghaddi minn din it-trejqa komuni. Huwa xhed li f’2009 gurnata fost l-ohrajn sab li parti mit-trejqa kienet djieqet ghax nbiet kamra fuq il-proprjeta’. Huwa kien ghamel rapport mal-MEPA, mal-Kummissarju tal-Pulizija u mas-Sindku ta’ Had-Dingli, Dr. Ian Borg. Huwa ezebixxa Dok. CF1 a fol. 364 li juri l-hajt li tella Carmelo Azzopardi fi 2009 **waqt li Dok CF2 u CF3 a fol. 365 u 366 huma ritratti li juru kif kienet l-art qabel dan l-izvilupp**. Farrugia gibed l-attenzjoni tal-Qorti li l-kostruzzjoni kwazi kollha tnehhiet u **fadal biss l-parti t’isfel ta’ dan il-hajt u dan ghadu jikkostata perikolu serju, u b’dan informa lis-Sindku u l-Pulizija.**

Farrugia xhed li kien wiehed minn dawk li applika lil Gvern sabiex din it-trejqa tinghata l-konkos, u fil-fatt il-konkos bhala materjal, kien inghata mill-Gvern waqt li l-bdiewa kienu ghamlu x-xoghol manwali. Farrugia baqa’ jinsisti li hadd ma ried jiehu responsabbilita’ u l-perikolu ghall-utilista ta’ din it-trejqa ghadu jezisti. Exebixxa Dok CF5 u CF6 a fol. 373 u 374 ir-rapporti tieghu lil Pulizija u lis-Sindku Dr. Borg.

Fredrick Agius fl-affidavit tieghu a fol. 376, ikkonferma l-kumpanija tieghu Zoqdi Developers Limited, ghandha ‘l fuq minn tletin tomna raba, f’Dingli Cliffs u l-access ghaliha hija tramite passagg li huwa dejjaq, perikoluz u wieqaf, u ma hemm ebda lqugh fuq in-naha ta’ barra. Agius ikkonferma li Charles Azzopardi u martu kienu qabbdu u tellghhu hajt u

b'hekk dejjqu l-passagg u holqu periklu akbar. Ghalhekk informa lil missieru Andrew Agius u saru rapporti mal-Pulizija u ttiehdu passi kontra Charles Azzopardi. Huwa xhed li Lino Farrugia kien ukoll ghamel rapport mal-MEPA li hadu passi kontra Azzopardi u geghluh iwaqqa parti mill-hajt. **Il-parti t'isfel pero ghadha tezisti u ghadha tipperikola l-utilisti tal-passagg.** Rigward it-tixmira tal-konkos ***"din it-tixmira saret wara li Azzopardi tella' l-hajt u mhux qabel"*** – Vide fol. 377.

Joseph Perisci Calascione xhed li jaf lil Andrew Agius u li kien midhla tal-art "Ta'Maddalena" taht l-irdum ta' Dingli Cliffs. A fol. 382 ikkonferma li huwa flimkien ma Lino Farrugia kienu xtraw bicctejn art li jmissu ma xulxin f' din il-lokalita' u biex taccedi ghalihom wiehed irid bil-fors li jghaddi minn din it-trejqa li kellha *gradient* gholi hafna kwasi 45 *degrees*. Din it-treqja finalment tfegg fil-*main road* ta' Dingli Cliffs. Ikkonferma li minhabba l-perikolu tat-triq l-bdiewa u l-utilisti tar-raba kienu gabbru somma flus sabiex it-trejqa tinghata wicc tal-konkos, li ffacilitat xi ftit l-access. Joseph Perisci Calascione ghamel referenza ghal ritratti ezebiti u indika li l-kostruzzjoni li ghamel Carmelo Azzopardi iggieghel l-utilisti tat-trejqa jesporgu aktar il-barra lejn l-irdum biex jghaddu minn din it-trejqa u ghalhekk saret ferm aktar perikoluza. Dana aktar u aktar meta wiehed jaghraf li ma hemm ebda lqugh fuq in-naha ta' barra. Illi fil-fatt hu, flimkien ma Lino Farrugia, kienu ghamlu lment mal-MEPA, mal-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Kunsill Lokali.

Fredrick Agius in kontro-ezami a fol. 392 et seq. ikkonferma li kien hemm diversi kwistjonijiet fuq il-passagg. Ikkonferma li l-passagg dejjem kien perikoluz, izda wara l-kostruzzjoni ta' Carmel Azzopardi sar ferm aktar perikoluz minn qabel. Huwa ezebixxa ir-ritratti Dok. FA1 sa FA6 minn fol. 402 sa 404 li juri djuq tal-passagg. Ikkonferma li kien hu l-ewwel li nnota l-kostruzzjoni tal-hajt minn Carmelo Azzopardi, huh u martu li dejjaq aktar dan il-passagg u li kien informa lil missieru. Agius xhed illi dan il-hajt tas-sejjiegh li llum qieghed sa gholi t'erba' filati kien mibni ricenti bis-siment u r-ramel. Il-hitan tas-sejjiegh ma kienux jinbnew hekk fl-antik. Muri r-ritratti Dok U sa X, Fredrick Agius xhed li f'ritratt Dok. V il-hajt tas-sejjiegh jidher imkahhal waqt li f'Dok U jidher li l-hajt ma kienx imkahhal. Fredrick Agius xhed li l-attur Azzopardi kien dejjem jitfa l-konkos fil-hajt u jxammar il-hajt l-barra, sabiex l-utilisti tat-trejqa ma jafsux man-naha tal-hajt.

Gew ezebiti ritratti WC1 sa WC9 a fol. 416.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ta' jattanza li hija regolata' bl-Artikoli 403 et seq tal-Kapitolu 12.

> ***"Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni."***

Il-meritu ta' din il-kawza mhuwiex lill-min tappartjieni il-proprieta'in kwistjoni, izda jekk ghandux jigi impost fuq is-socjeta' konvenuta terminu biex tressaq l-pretensjoni taghha ghall-iskrutinju tal-Qrati. Is-socjeta' konvenuta qed tiddefendi din it-talba billi tghid li, fl-ewwel lok, l-ittra ufficjali kienet b'reazzjoni ghall-agir tal-atturi li pprovokatha u, fit-tieni lok, ix-xogholijiet li wettqu r-rikorrenti fil-passagg li jaghti ghar-raba taht l-irdum, kienu cekknu il-wieghsa tal-passagg u rrendewh ferm aktar perikoluz ghal bdiewa u ghall-utilisti ta' dan il-passagg.

Skond l-insenjament tal-Qorti moghtija fis-sentenza fl-ismijiet **Imelda u Joseph Tabone et vs Agnes Galea et** deciza fil-**11 ta' Dicembru 2003** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** :

> ***"Skond il-gurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni iridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:***
>
> ***(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu de facto u prima facie, tal-oggett li jkun qed jikawtela (Vol. XX.II.338; XXXIII.II.201);***
>
> ***(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oggett, l-esercizzju ta' liema pretensjoni tkun ghad trid tigi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);***
>
> ***(c) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata***

> ***bl-agir tal-attur (Vol. XXIV.II.358; XXXI.I.494);***
>
> ***(d) il-pretensjoni irid ikollha l-karattru li tista' tigi esercitatata b'azzjoni gudizzjarja (Vol. XXXIII.II.287);***
>
> ***(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (Vol. XXXIII.II.287; XXXVI.III.632)***
>
> ***(f) il-pretensjoni m'ghandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol. XVI.II.85; XXI.II.6)."***

Minn ezami tal-elementi jew rekwiziti ghall-azzjoni ta' jattanza jidher illi l-azzjoni attrici tista' tehel fuq it-tielet element u cioe' l-htiega tal-isptontanejita tal-millantazzjoni. Infatti , fil-kawza, **"Pellegrini Petit vs Sammut",** Vol. XXIV.II.358, intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jghid il-gurista **Rodolfino** fuq il-materja, li:

***"allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza"***.

Dan il-principju gie affermat ukoll minn din il-Qorti fil-kawza **"Grixti vs Borg",** deciza fit-22 ta' Ottubru 1982, fejn saret riferenza ghad-decizjonijiet riportati fil- Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLII.II.1146.

Di piu, il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Paul Agius et vs Joseph Meilaq et** tat-**28 ta' Marzu 2014**, irritenniet:-

> ***"…..l-provokazzjoni tikkonsisti f'att li jixpruna reazzjoni u l-att provokattiv mhux neccessarjament ibiddel xi stat ta' fatt u anzi jista' jikkonsisti f'affermazzjoni ta' dak li fil-fehma tal-agent ikun l-istatus quo u li l-parti l-ohra tigi ghalhekk kostretta tikkontesta…..***
>
> ***Kif gia` issemma', – ara l-kawza Madliena Developments Limited v.***

*Ufficcju Kongunt fuq imsemmija – meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu ma jistax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni. F'dik is-sentenza il-Qorti qalet li l-iskop tal-kawza huwa biex ma jibqghux pendenti kwistjonijiet u allegazzjonijet li jistghu jkunu bla bazi u mhux biex xi parti takkwista dak li l-Qorti sejhet vantagg strategiku billi ggieghel lill-parti l-ohra tintavola l-kawza hi.*

*Kif infatti ntqal ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 1999 (Buhagiar v. Busuttil):*

*"Meta l-attur mexxa jew gieb il-quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni, igib raguni ghaliex qed jirrespingi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja imma tassumi kwalita` ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal tal-ahhar ikun qed jesercita d-drittijiet tieghu."*

*Spjega ohra tal-kawza ta' jattanza tinsab fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Maria Dolores Vella v. Rosario Micallef (15 ta' Dicembru 1958) fejn intqal fost affarijiet ohra illi;*

*"biex ikun hemm lok ghall-gudizzju ta' jattanza jehtieg li l-azzjoni tkun spontanja u mhux ipprovokata, b'mod li jekk l-azzjoni issir ghall- konservazzjoni jew ghad-difiza tad-drittijiet minn persuna .... anke merament interpellata b'att gudizzjarju ma jikkostitwixxix jattanza u ma jaghtix lok ghar-rimedju eccezzjonali ta' jattanza.".*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta giet provokata mill-agir unilaterali tal-atturi meta Carmel Azzopardi huh u martu qabbdu u ikkostruwixxu hajt tas-sejjiegh li esporga fi trejqa b'mod li pperikolat l-utilisti kollha ta' dan il-passagg ferm aktar milli qatt kien qabel. Din il-Qorti wara li rat u ezaminat ir-ritratti ezebiti mis-socjeta' konvenuta taghraf li kuntrarjament ghal dak li gie ddikjarat mill-atturi, il-hajt tas-sejjiegh kostruwit minn Carmelo Azzopardi **ma huwiex kostruwit fuq xi hitan jew pedamenti antiki**, u dan jidher b'mod mill-aktar **ovvju fir-ritratt ezebit in atti Dok. CF2 a fol. 365**, illi juri kemm fil-fatt kien aktar il-gewwa il-hajt tas-sejjiegh originali, tant li l-ammont sostanzjali ta' gebel mwaqqa' jokkupa l-ispazju ta xoffa ta' blata li tidher fil-bazi ta' dan ir-ritratt. **Din ix-**

**xoffa ta' blat inbelghet komplettment mill-hajt tas-sejjiegh gdid illi gie mtella' f'gholi ta' aktar minn sular kif jider mir-ritratt a fol. 364.**

Kien dan l-agir li ta lok ghal diversi proceduri ohra, inkluz proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u lmenti u rapporti mal-MEPA. Kien dan l-agir t'Azzopardi li pprovoka l-ittra ufficcjali Dok. CA 1 a fol. 7 . Il-Qorti taghraf li din l-ittra ma kienitx wahda spontanja izda kienet wahda intiza sabiex tissalvagwardja drittijiet tas-socjeta' intimata li gew mhedda.

Il-Qorti taghraf illi ma hemmx dubbju li l-provokazzjoni kienet wahda cara u inekwivoka u l-mezzi adoperati mis-socjeta intimata kienu necessarji ghall-konservazzjoni jew protezzjoni ta' dawk id-drittijiet u kienu determinati minn neccessita' jew kawtela guridika.

Ghaldaqstant l-atturi ma jistghux jipprevalu ruhhom mill-azzjoni ta' jattanza ghaliex d-dikjarazzjoni maghmula mis-socjeta' konvenuta kienet provokata mill-istess atturi.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u tichad t-talbiet tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------